**Parlament Ewropew**

2019-2024

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*
*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

**2023/0250(COD)**

18.12.2023

# EMENDI
# 78 - 178

**Abbozz ta' rapport**
**María Soraya Rodríguez Ramos, Javier Zarzalejos**
(PE756.047v01-00)

Emenda tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0424 – C9-0303/2023 – 2023/0250(COD))

AM_Com_LegReport

**Emenda 78**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (1) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, l-Unjoni adottat id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] . | (1) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, l-Unjoni adottat id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] . ***L-aċċess għal dawn id-drittijiet għandu jingħata b'mod sikur li jimminimizza r-riskju ta' ħsara u jappoġġa l-irkupru u l-aċċess għall-ġustizzja.*** |
| [54] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57). | [54] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57). |

Or. en

**Emenda 79**
**Konstantinos Arvanitis**

**Proposta għal direttivaPremessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (1) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, l-Unjoni adottat id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54] . | (1) Sabiex jiġi żgurat li l-vittmi tal-kriminalità ***jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità,*** jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, ***b'mod sikur li jimminimizza r-riskju ta' ħsara, u jappoġġa l-irkupru u l-aċċess għall-ġustizzja,*** l-Unjoni adottat id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament |

| | |
|---|---|
| | Ewropew u tal-Kunsill[54] . |
| [54] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi firrigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57). | [54] Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi firrigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57). |

Or. en

**Emenda 80**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Billi d-dritt għal trattament ugwali u nondiskriminazzjoni huwa dritt fundamentali mnaqqax fit-Trattati u fil-Karta; billi dan jiżgura li l-vittmi kollha tal-kriminalità fl-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw minn protezzjoni mingħajr diskriminazzjoni minħabba kwalunkwe raġuni, inkluża l-bażi tal-karatteristiċi tas-sess, flimkien mar-raġunijiet intersezzjonali l-oħra ta' diskriminazzjoni stabbiliti fi/diġà rikonoxxuti fil-premessa 17 tad-Direttiva (2012/29/UE).*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Giuliano Pisapia, Maria Noichl**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2b) Kwalunkwe persuna fiżika li tkun sofriet it-tentattiv ta' reat jenħtieġ li titqies bħala vittma. L-istess jenħtieġ li japplika għal kwalunkwe wild minuri li jkun xhud ta' vjolenza minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tiegħu relatata mat-trawma emozzjonali bħala riżultat ta' esponiment għal atti ta' vjolenza.*** |

Or. en

**Emenda 82**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jagħmluha possibbli għall-vittmi li*** jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. | (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu*** jikkomunikaw ***ukoll*** b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati***, jissottomettu evidenza meta dan ikun fattibbli,*** u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni ***affidabbli u sikuri***. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. ***Dawk il-mezzi ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, siti web li jipprovdu*** |

| | |
|---|---|
| | ***informazzjoni b'lingwi differenti, chats integrati, jew emails u għodod ta' ħidma online li jwieġbu għal ħtiġijiet differenti ta' komunikazzjoni, bħal dawk ibbażati fuq l-età u d-diżabilità.*** |

Or. hu

**Emenda 83**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. | (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati***, jissottomettu evidenza, meta dan tkun fattibbli,*** u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni ***affidabbli u sikuri***. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. ***Dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni u t-teknoloġiji ta' informazzjoni jenħtieġ li jinkludu pereżempju siti web li jipprovdu informazzjoni b'lingwi differenti, chats integrati, jew emails u għodod ta' ħidma online li jwieġbu għal ħtiġijiet differenti ta' komunikazzjoni, bħal dawk ibbażati*** |

***fuq l-età u d-diżabilità.***

Or. en

**Emenda 84**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. | (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. ***Dawn l-għodod jenħtieġ li jissodisfaw ħtiġijiet differenti ta' komunikazzjoni, bħall-età u d-diżabilitajiet.*** Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontenut tal-informazzjoni kkomunikata lill-vittmi jiġi żviluppat flimkien mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u li l-kontenut ikun konsistenti u aġġornat regolarment biex tiġi żgurata l-akkuratezza.*** |

Or. en

**Emenda 85**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. | (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati***, jissottomettu evidenza, tal-anqas f'każijiet li jikkonċernaw ir-reati mwettqa online,*** u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni ***faċli biex jintużaw u sikuri***. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. |

Or. en

**Emenda 86**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ | (3) Sabiex il-vittmi jingħataw mezzi bla xkiel u moderni biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ |

| | |
|---|---|
| li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. | li jagħmluha possibbli għall-vittmi li jikkomunikaw b'mod elettroniku mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-vittmi jenħtieġ li jgawdu l-possibbiltà li jużaw għodod elettroniċi biex jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom, jirrapportaw ir-reati***, jissottomettu l-evidenza*** u jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti u mas-servizzi ta' appoġġ permezz ta' teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni ***b'mod kunfidenzjali u sikur***. Il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-metodu ta' komunikazzjoni ***mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti***, u l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu dawn it-teknoloġiji ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni bħala alternattiva għall-metodi standard ta' komunikazzjoni, madankollu mingħajr ma jissostitwixxuhom kompletament. |

Or. en

**Emenda 87**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill- | (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill- |

| | |
|---|---|
| pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56] , bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116". | pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines ***għandhom jitħaddmu minn individwi mħarrġa u ssorveljati minn organizzazzjoni speċjalizzata fl-għoti ta' appoġġ għall-vittmi jew minn organizzazzjonijiet pubbliċi jew mhux governattivi u*** jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[5], bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116". |

---

***[56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30).***

Or. en

**Emenda 88**
**María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans, Marco Zullo, Abir Al-Sahlani, Susana Solís Pérez, Sylvie Brunet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi | (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56] , bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116". | jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56] , bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116". ***Il-persunal li jaħdem fuq tali helplines jenħtieġ jitħarreġ biex jaħdem mal-vittmi u s-superstiti b'mod sensittiv għall-vittmi biex jiġu żgurati l-kwalità u l-konsistenza tas-servizz.*** |
| [56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30). | [56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30). |

Or. en

**Emenda 89**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. Fl- | (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati***. Il-*** |

ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56], bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116".

***helplines jenħtieġ li jitħaddmu minn persunal imħarreġ u kkwalifikat b'mod adegwat f'konformità mal-istandards eżistenti ta' appoġġ ta' kwalità biex jiġi żgurat livell għoli ta' servizz professjonali***. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56], bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116".

[56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30).

[56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30).

Or. en

**Emenda 90**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown | (4) Sabiex jiġu żgurati mezzi komprensivi ta' komunikazzjoni li jqisu l-kumplessità tal-ħtiġijiet tal-vittmi fir-rigward tad-dritt tagħhom li jaċċessaw l-informazzjoni, il-vittmi kollha, indipendentement minn fejn fl-UE u f'liema ċirkostanzi seħħ ir-reat, jenħtieġ li jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines tal-vittmi billi jużaw in-numru tat-telefown |

| | |
|---|---|
| 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56], bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116". | 116 006 madwar l-UE kollha jew billi jikkollegaw mas-siti web iddedikati. ***Dawn il-helplines jitħaddmu minn individwi mħarrġa u ssorveljati skont standards ta' appoġġ ta' kwalità***. Fl-ambitu ta' dawn il-helplines, il-vittmi jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu l-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, appoġġ emozzjonali u jiġu riferuti lill-pulizija jew lil servizzi oħrajn, inklużi helplines speċjalizzati oħrajn – jekk ikun meħtieġ. Dawn il-helplines jenħtieġ li jirreferu wkoll lill-vittmi għal helplines speċjalizzati oħrajn, imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE[56], bħan-numru armonizzat relatat mal-helpline għat-tfal "116 111", tfal neqsin "116 000" u vjolenza bbażata fuq il-ġeneru "116 116". |
| [56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30). | [56] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/116/KE tal-15 ta' Frar 2007 dwar l-irriservar tal-firxa nazzjonali ta' numri li jibdew b'"116" għal numri armonizzati ta' servizzi armonizzati ta' valur soċjali (ĠU L 049, 17.2.2007, p. 30). |

Or. en

**Emenda 91**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-helpline ġenerali għall-vittmi jenħtieġ li ma jaffettwax l-operat tal-helplines iddedikati u speċjalizzati bħall-helplines tat-tfal u l-helplines għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika kif meħtieġ skont id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] [dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika]. Il-helplines ġenerali tal-vittmi jenħtieġ li | (5) Il-helpline ġenerali għall-vittmi jenħtieġ li ma jaffettwax l-operat tal-helplines iddedikati u speċjalizzati bħall-helplines tat-tfal u l-helplines għall-vittmi ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika kif meħtieġ skont id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] [dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u vjolenza domestika]. Il-helplines ġenerali tal-vittmi jenħtieġ li |

jiffunzjonaw flimkien mal-helplines speċjalizzati.

jiffunzjonaw flimkien mal-helplines speċjalizzati. ***B'mod partikolari fil-kuntest ta' reati transfruntiera, jenħtieġ li l-vittmi jkunu jistgħu jaċċessaw il-helplines ġenerali u speċjalizzati tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat minn Stat Membru ieħor.***

57 Id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU ...).

57 Id-Direttiva (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (ĠU ...).

Or. en

**Emenda 92**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ***ripetuta*** u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-

*Emenda*

(6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ***u rivittimizzazzjoni*** u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. ***Il-vittmi xi drabi ma jkunux konxji li kienu vittmi ta' reat, iżda minkejja dan, xorta jsofru ħsara; dan ħafna drabi jkun il-każ, pereżempju, għall-vittmi tal-kriminalità online, tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tar-reati ambjentali***. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità ***kif ukoll billi jitneħħew jew jitnaqqsu l-ostakli fiżiċi, amministrattivi jew legali għar-rapportar tar-reati. Dan huwa speċjalment rilevanti, peress li l-vittmi l-inqas probabbli li jirrapportaw reat lill-pulizija s-soltu jkunu dawk l-aktar fil-bżonn ta' protezzjoni, li jkunu tfal,***

parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li ***inkella*** jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew ***li l-mobilità tagħhom tkun limitata*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan.

***migranti, persuni b'diżabilità u vittmi tat-traffikar ta' bnedmin***. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal***, il-vittmi li jgħixu f'ambjenti magħluqa inkluż persuni b'diżabilità, b'mod partikolari dawk li l-mobilità tagħhom tkun limitata jew li kienu vittmi ta' reat minħabba l-affiljazzjoni etnika jew reliġjuża tagħhom, jew persuni akbar fl-età li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali*** jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li ***nkella*** jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat***,*** jew ***li jirrikjedu assistenza mill-persunal jew l-awtoritajiet għall-aspetti kollha tal-għajxien ta' kuljum*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. ***Il-vittmi f'detenzjoni jirreferu għal persuni li jkunu joqogħdu fil-postijiet li ġejjin: istituzzjonijiet fejn persuni li huma mċaħħda mil-libertà waqt li jsegwu sentenza, inkluż faċilitajiet korrettivi, ħabsijiet kif ukoll faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati u ċentri ta' detenzjoni għal suspetti u persuni akkużati, ċentri ta' akkomodazzjoni speċjali għall-applikanti għal protezzjoni internazzjonali, ċentri għal qabel it-***

| | |
|---|---|
| | ***tneħħija u ċentri ta' akkomodazzjoni oħra fejn jirrisjedu l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni speċjali lil persuni li jirrisjedu f'ambjenti magħluqa oħra bħal istituzzjonijiet residenzjali, istituzzjonijiet tas-saħħa mentali, soċjali u oħrajn tal-kura.*** |

Or. hu

**Emenda 93**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri***. Il-vittmi xi drabi ma jkunux konxji li huma vittmi ta' reat u għadhom isofru ħsara; dan huwa l-każ, pereżempju, għall-vittmi tal-kriminalità online, tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tar-reati ambjentali***. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità ***kif ukoll billi jitneħħew jew jitnaqqsu l-ostakoli fiżiċi, amministrattivi jew legali biex jirrapportaw ir-reati. Dan huwa partikolarment rilevanti peress li l-vittmi l-anqas probabbli li jirrapportaw reat lill-pulizija ħafna drabi jkunu dawk l-aktar fil-bżonn ta' protezzjoni, li huma tfal, migranti, persuni b'diżabilità u vittmi tat-traffikar tal-bnedmin***. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li |

sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan.

jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal, ***il-vittmi li jgħixu f'ambjenti magħluqa inklużi persuni b'diżabilità jew persuni anzjani li jgħixu f'istituzzjonijiet residenzjali*** jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat***, jew li jirrikjedu assistenza minn persunal jew minn awtoritajiet għall-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum,*** jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw reati f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. ***Vittmi f'detenzjoni jirreferu għal persuni li jinsabu f'ħabsijiet kif ukoll f'ċentri ta' detenzjoni u ċelel għal persuni ssuspettati u akkużati, faċilitajiet ta' detenzjoni speċjalizzati għal applikanti għal protezzjoni internazzjonali, ċentri ta' qabel it-tneħħija, u ċentri ta' akkomodazzjoni fejn jinsabu l-applikanti u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni speċjali lil persuni li jirrisjedu f'ambjenti magħluqa oħra bħal istituzzjonijiet residenzjali, istituzzjonijiet tas-saħħa mentali, soċjali u tal-kura.***

Or. en

**Emenda 94**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità***. Fl-istess ħin huwa tal-akbar importanza li jittejbu l-possibbiltajiet li jiġi rrapportat reat għal persuni li jgħixu f'ambjenti magħluqa, bħal tfal, anzjani, persuni b'diżabilità, persuni f'faċilitajiet psikjatriċi jew ta' riabilitazzjoni, istituzzjonijiet korrettivi kif ukoll priġunieri jew detenuti, inklużi ċentri ta' detenzjoni għall-minorenni, fejn ftit li xejn ikollhom ċans li jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti jew lil partijiet terzi dwar is-sitwazzjoni tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jiġi stabbilit rapportar iffaċilitat tar-reati f'tali istituzzjonijiet, pereżempju permezz ta' sistema proattiva ta' monitoraġġ u sensibilizzazzjoni permezz ta' żjarat għall-għarrieda minn awtoritajiet indipendenti***. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l- |

parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan.

Or. en

**Emenda 95**
**Giuliano Pisapia, Maria Noichl**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi*. **L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe irregolarità li tikkonċerna l-istatus ta' residenza tal-vittma jenħtieġ li*** |

| | |
|---|---|
| l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. | ***ma tintużax biex tinfluwenza r-rieda tal-vittma li tikkoopera fl-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew il-proċess kriminali. L-istatus ta' vittma mingħajr dokumenti jenħtieġ li jitqies mill-awtoritajiet kompetenti għall-valutazzjoni individwali skont l-Artikolu 22***. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. |

Or. en

**Emenda 96**
**Cindy Franssen**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed |

| | |
|---|---|
| jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. | jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità***. Sabiex jiġi evitat li vittma tiġi skoraġġuta milli tirrapporta r-reat, huwa meħtieġ li l-vittmi jkunu jistgħu jinvokaw il-protezzjoni tad-data personali tagħhom stess fil-konfront tal-parti opposta fil-fajl kriminali***. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. |

Or. en

**Emenda 97**
**María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans, Marco Zullo, Abir Al-Sahlani, Susana Solís Pérez, Sylvie Brunet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni ***mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE***. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom***. Ir-rapportar minn partijiet terzi jenħtieġ li jiġi offrut bħala għażla lill-vittmi fi sforz biex jiġu ddiversifikati l-mekkaniżmi ta' rapportar fil-livell tal-UE, peress li jista' jgħin ukoll biex jiġu indirizzati xi wħud mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rapportar tar-reati fl-Unjoni Ewropea***. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. |

Or. en

**Emenda 98**
**Konstantinos Arvanitis**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni ***mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE***. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu ambjenti aktar sikuri għall-vittmi biex jirrapportaw il-kriminalità. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan il-għan. |

Or. en

**Emenda 99**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. ***Huwa meħtieġ li tiġi miġġielda l-insensittività pubblika lejn il-kriminalità, billi*** n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw ***ir-reati u jassistu lill-vittmi u billi jinħolqu*** ambjenti ***aktar*** sikuri ***għall-vittmi biex*** jirrapportaw ***il-kriminalità***. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni ***mill-anqas sakemm titlesta l-ewwel valutazzjoni individwali kif imsemmi fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE. Ir-rapportar tar-reat u l-parteċipazzjoni fi proċedimenti kriminali skont id-Direttiva 2012/29/UE ma joħolqu l-ebda dritt rigward l-istatus ta' residenza tal-vittma, u lanqas ma għandhom effett ta' sospensjoni meta jiddeterminaw l-istatus ta' residenza tagħhom***. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti speċifikament għal dan | (6) Ir-rapportar dwar il-kriminalità fl-Unjoni jenħtieġ li jittejjeb biex tiġi miġġielda l-impunità, tiġi evitata vittimizzazzjoni ripetuta u jiġu żgurati soċjetajiet aktar sikuri. ***Ħafna vittmi ta' reat għadhom jiffaċċjaw ostakli serji fl-aċċess għall-ġustizzja, l-appoġġ u l-protezzjoni. Sabiex il-vittmi u*** n-nies li jkunu qed jaraw ir-reat jiġu mħeġġa jirrapportaw***, huwa importanti li tiġi offruta varjetà wiesgħa ta' mekkaniżmi ta' rapportar biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi multipli tal-vittmi, inkluż ir-rapportar anonimu u minn partijiet terzi. Huwa essenzjali wkoll li jinħolqu*** ambjenti sikuri ***u kunfidenzjali fejn il-vittmi jew il-persuni li jissuspettaw li twettqu reati kriminali jkunu mistennija*** jirrapportaw ***mingħajr ritaljazzjoni, inkluż fir-rigward tal-istatus ta' migrazzjoni tagħhom***. Għall-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni, ambjent sikur biex jirrapportaw il-kriminalità jfisser li titnaqqas il-biża' li jitnedew proċeduri ta' ritorn bħala riżultat ta' kuntatti mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Id-data personali tal-vittmi li huma migranti irregolari fl-Unjoni jenħtieġ li ma tiġix ittrasferita lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni. Il-vittmi vulnerabbli kollha, bħall-vittmi tfal jew il-vittmi f'detenzjoni, li jinsabu f'sitwazzjoni ta' intimidazzjoni, jew li inkella jkunu dipendenti mill-awtur tar-reat jew li l-mobilità tagħhom tkun limitata jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrapportaw il-kriminalità f'kundizzjonijiet li jqisu s-sitwazzjoni partikolari tagħhom u f'konformità mal-protokolli stabbiliti |

| | |
|---|---|
| il-għan. | speċifikament għal dan il-għan. |

Or. en

**Emenda 100**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Fl-Istati Membri kollha għandhom jiġu żviluppati modi aktar effettivi biex jintlaħqu l-vittmi ta' reati li ma jiġux irrapportati. L-iskala tal-problema tal-kriminalità mhux irrapportata min-natura tagħha hija diffiċli biex tiġi vvalutata iżda x'aktarx li hija konsiderevoli, speċjalment fir-rigward ta' tipi anqas pubbliċi ta' kriminalità, bħall-vjolenza domestika. Il-problema tan-nuqqas ta' rapportar u l-kawżi tagħha huma kumplessi, u ma hemm l-ebda soluzzjoni faċli, iżda jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jiskambjaw l-aħjar prattiki u jikkunsidraw miżuri innovattivi biex iżidu r-rapportar tar-reati, bħall-preżenza ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi fl-għases tal-pulizija.*** |

Or. en

**Emenda 101**
**María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans, Marco Zullo, Abir Al-Sahlani, Susana Solís Pérez, Sylvie Brunet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet | (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet |

| | |
|---|---|
| speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. | speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. ***L-iżgurar tar-riferiment u l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva, inklużi l-kontraċezzjoni ta' emerġenza, l-ittestjar tal-profilassi wara l-esponiment għal infezzjonijiet trażmessi sesswalment u l-aċċess għall-kura f'każ ta' abort, jenħtieġ li jkunu parti mis-servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għal dawn il-vittmi.*** B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. |

Or. en

**Emenda 102**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, | (7) Servizzi ***immirati*** u integrati ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi***, inkluż vittmi li jgħixu f'żoni rurali, skarsament popolati u remoti***. |

| | |
|---|---|
| vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri ***jenħtieġ*** li ***jistabbilixxu*** protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' ***detenzjoni***, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. | Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru***, inkluż vittmi ta' forom online ta' tali reati,*** u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' ***diskors ta' mibegħda u ta'*** reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri ***jeħtieġ*** li ***joħolqu*** protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' ***faċilità korrettiva***, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. |

Or. hu

**Emenda 103**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi | (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika***, inklużi vittmi ta' forom online ta' tali reati***, iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' |

| | |
|---|---|
| ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. | mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. ***Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, kemm governattivi kif ukoll mhux governattivi, jenħtieġ li jingħataw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji.*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi | (7) Servizzi immirati u integrati ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi***, inklużi vittmi li jgħixu f'żoni rurali, skarsament popolati u remoti***. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru***, inklużi vittmi ta' forom online ta' tali reati,*** u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l- |

| | |
|---|---|
| ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. | azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. |

Or. en

**Emenda 105**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. | (7) Servizzi immirati u integrati ta' appoġġ jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi***, inklużi vittmi li jgħixu f'żoni rurali, skarsament popolati u remoti***. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika***, inklużi vittmi ta' forom online ta' tali reati***, iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal- |

ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi.

Or. en

**Emenda 106**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. | (7) Servizzi ta' appoġġ immirati u integrati jenħtieġ li jkunu disponibbli għal firxa wiesgħa ta' vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi***, inklużi dawk li jgħixu f'żoni rurali u remoti***. Dawn il-vittmi jistgħu jinkludu mhux biss vittmi ta' vjolenza sesswali, vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u vittmi ta' vjolenza domestika , iżda anke vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, vittmi ta' reati organizzati, vittmi b'diżabilità, vittmi ta' sfruttament, vittmi ta' reati ta' mibegħda, vittmi ta' terroriżmu jew vittmi ta' reati internazzjonali ewlenin. B'reazzjoni għan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu protokolli speċifiċi li se jorganizzaw l-azzjonijiet ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzat biex jindirizzaw b'mod komprensiv il-ħtiġijiet multipli tal-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi. Dawn il-protokolli jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'koordinazzjoni u f'kooperazzjoni bejn l-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni, l-imħallfin, l-awtoritajiet ta' detenzjoni, is-servizzi tal-ġustizzja restorattiva u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi. |

Or. en

**Emenda 107**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Is-servizzi ta' appoġġ għandhom jiġu organizzati biex jagħtu s-servizzi lill-vittmi kollha, inkluż permezz ta' riferiment, meta xieraq. Għandhom jiġu organizzati servizzi ta' appoġġ ġeneriku u speċjalizzat biex ikunu jistgħu jindirizzaw ukoll il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi individwali filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi personali tal-vittma, it-tip jew in-natura tar-reat, iċ-ċirkostanzi tar-reat, il-firxa u n-natura tal-ħsara lill-vittma u kwalunkwe ċirkostanza oħra li tista' tirrikjedi rispons adattat. Is-servizzi ta' appoġġ ġeneriku u speċjalizzat għandhom, tal-anqas, ikunu aċċessibbli għall-vittmi fuq bażi nondiskriminatorja qabel, matul u sakemm ikollhom bżonn wara l-proċedimenti kriminali filwaqt li jiżguraw, b'mod partikolari, biżżejjed prossimità tas-servizzi għall-vittmi, ħinijiet tal-ftuħ xierqa u l-għoti ta' servizzi permezz ta' diversi kanali inkluż wiċċ imb wiċċ, online, helplines u servizzi itineranti u jkunu kkoordinati b'mod partikolari permezz ta' riferimenti f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi, ikunu mingħajr ħlas, ikunu kunfidenzjali u jaġixxu fl-interess tal-vittmi. Għandu jkun disponibbli appoġġ psikoloġiku għall-vittmi li jirrikjedu tali appoġġ sakemm ikun meħtieġ kif iddeterminat mill-psikologu tal-vittma.*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(7c) Is-servizzi ta' appoġġ ġenerali huma organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-appoġġ għal vittmi ta' reati li joffru appoġġ lill-vittmi kollha tal-kriminalità. Dawk is-servizzi jistgħu jinkludu servizzi mfassla apposta għal gruppi speċifiċi jew joffru tipi speċifiċi ta' servizzi. B'mod parallel, jiġu offruti servizzi ta' appoġġ speċjalizzat lil gruppi partikolari ta' vittmi, abbażi tat-tip ta' reat jew karatteristiċi personali. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ċentrali tal-organizzazzjonijiet u s-servizzi kollha li jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi huma kruċjali biex jiġi żgurat li jkunu disponibbli servizzi xierqa ta' appoġġ għall-vittmi għall-kategoriji kollha tal-vittmi fuq bażi raġonevolment ugwali. Għalhekk, is-servizzi ġenerali u speċjalizzati ta' appoġġ għall-vittmi jeħtieġ li joperaw b'mod koordinat.*** |

Or. hu

**Emenda 109**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(7d) Is-servizzi ta' appoġġ ġenerali huma organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-appoġġ għal vittmi ta' reati li joffru appoġġ lill-vittmi kollha tal-kriminalità. Dawk is-servizzi jistgħu jinkludu servizzi mfassla apposta għal gruppi speċifiċi jew joffru tipi speċifiċi ta' servizzi. B'mod parallel, jiġu offruti servizzi ta' appoġġ speċjalizzat lil gruppi partikolari ta' vittmi, abbażi tat-tip ta' reat jew karatteristiċi personali. Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ċentrali tal-organizzazzjonijiet u s-servizzi kollha li*** |

***jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi huma kruċjali biex jiġi żgurat li jkunu disponibbli servizzi xierqa ta' appoġġ għall-vittmi għall-kategoriji kollha tal-vittmi fuq bażi raġonevolment ugwali. Għalhekk, is-servizzi ġenerali u speċjalizzati ta' appoġġ għall-vittmi jeħtieġ li joperaw b'mod ikkoordinat.***

Or. en

**Emenda 110**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7e) Il-vittmi spiss ikunu soġġetti għal għoti tat-tort, miti, nuqqas ta' interess u mġiba li twassal għal trawma. It-taħriġ huwa kruċjali biex dan jinbidel sabiex tinbidel l-imġiba u l-isterjotipi dannużi. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jappoġġaw lill-korpi u lill-organizzazzjonijiet ta' taħriġ responsabbli biex jiżviluppaw, jagħtu u jiżguraw li jirċievu taħriġ għall-prattikanti kollha, inklużi l-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukati, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, it-tradutturi u l-interpreti li jaħdmu mal-vittmi tal-ġeneri u tal-etajiet kollha, u professjonisti oħra li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Dan it-taħriġ irid jippermetti lill-prattikanti jirrikonoxxu l-vittmi, inklużi n-nisa u l-bniet sabiex jittrattawhom b'mod imparzjali, nondiskriminatorju, rispettuż u professjonali, u jappoġġaw l-implimentazzjoni prattika u l-operazzjoni tad-drittijiet tal-vittmi.*** |

Or. en

**Emenda 111**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7f) Fir-reati tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-miti tal-vittmi, l-għoti tat-tort, l-attitudnijiet insensittivi, in-nuqqas li jittieħed approċċ ibbażat fuq il-ġeneru, in-nuqqas li n-nisa jitħallew jipparteċipaw b'mod effettiv filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom huma kollha problemi kbar. L-approċċ sensittiv għall-vittmi jenħtieġ li jitfassal speċifikament biex jindirizza dawn il-problemi, bħal permezz ta' taħriġ adegwat sensittiv għall-ġeneru tal-awtoritajiet kompetenti f'termini ta' komunikazzjoni u kuntatt wiċċ imb wiċċ man-nisa; bl-istess mod, is-sistema jenħtieġ li tkun imfassla biex tqis id-disponibbiltà tal-vittma li tattendi smigħ li jaderixxi mar-rekwiżiti speċifiċi tagħha kull meta jkun possibbli, bħall-kunsiderazzjoni ta' kwistjonijiet ta' kura tat-tfal u li jkollha faċilitajiet xierqa għall-privatezza. Barra minn hekk, l-approċċi insensittivi, mhux xierqa, diskriminatorji, tal-miti u tal-għoti tat-tort tal-prattikanti jista' jkollhom impatt partikolari fuq in-nisa, u jistgħu jkunu partikolarment prevalenti għal ċerti tipi ta' reati bbażati fuq il-ġeneru, jiġifieri s-segwiment ta' persuna bil-moħbi, il-vjolenza domestika, l-abbuż sesswali.*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7g) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprevedu wkoll li l-liġijiet, il-politiki, is-servizzi u l-infrastrutturi kollha stabbiliti jkunu sensittivi għall-vittmi u għall-ġeneru, filwaqt li jagħtu prijorità lis-smigħ tal-vittmi, jimminimizzaw it-trawmatizzazzjoni mill-ġdid u l-ħsara, jiffukaw fuq is-sikurezza, id-drittijiet, il-benesseri, l-għoti tas-setgħa, il-ħtiġijiet u l-għażliet espressi, u jiżguraw l-għoti empatetiku, sensittiv u mingħajr ġudizzju tad-drittijiet u s-servizzi.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Partikolarment importanti għall-vittmi l-aktar vulnerabbli bħall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, iż-żgħażagħ u l-anzjani, dawk b'diżabilità u dawk f'sitwazzjonijiet prekarji. F'xi każijiet, il-vittmi jkunu soġġetti għal għoti tat-tort, miti, nuqqas ta' interess u mġiba li twassal għal trawma. It-taħriġ huwa kruċjali biex dan jinbidel peress li jbiddel l-imġiba u l-mentalità.*

**Emenda 113**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex jiġu evitati konsegwenzi serji ta' vittimizzazzjoni f'età bikrija, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-ħajja kollha tal-vittmi, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-vittmi tfal kollha jirċievu l-ogħla standard ta' appoġġ u protezzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-vittmi vulnerabbli tfal, inklużi tfal vittmi ta' abbuż sesswali, vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin u vittmi tfal li kienu affettwati b'mod partikolari mir-reat minħabba l-gravità tar-reat jew minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom jenħtieġ li jibbenefikaw mis-servizzi ta' appoġġ u ta' protezzjoni mmirati u integrati li jinkludu approċċ ikkoordinat u kooperattiv | (8) Sabiex jiġu evitati konsegwenzi serji ta' vittimizzazzjoni f'età bikrija, li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv il-ħajja kollha tal-vittmi, huwa kruċjali li jiġi żgurat li l-vittmi tfal kollha jirċievu l-ogħla standard ta' appoġġ u protezzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-vittmi vulnerabbli tfal, inklużi tfal vittmi ta' abbuż sesswali, vittmi tfal tat-traffikar tal-bnedmin u vittmi tfal li kienu affettwati b'mod partikolari mir-reat minħabba l-gravità tar-reat jew minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom jenħtieġ li jibbenefikaw mis-servizzi ta' appoġġ u ta' protezzjoni mmirati u integrati li jinkludu approċċ ikkoordinat u kooperattiv |

| | |
|---|---|
| ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi ***li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din*** jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali**,** biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. | ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti***, li jenħtieġ li jkunu mħarrġa b'mod adegwat,*** biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi jenħtieġ li jiġu vvalutati ***aktar*** mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali ***u li jesperjenzaw forom intersezzjonali ta' diskriminazzjoni***, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha ***sakemm dan jitqies meħtieġ mill-psikologu tal-vittma***. ***Il-valutazzjoni individwali jeħtieġ li titwettaq fl-aħjar interess tal-vittma, filwaqt li tingħata prijorità lis-sikurezza, il-protezzjoni u l-ħtiġijiet ta' appoġġ tagħha, u tiġi evitata vittimizzazzjoni sekondarja jew ripetuta.*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. | (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji***. Meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni u appoġġ tal-vittma, l-interess primarju jenħtieġ li jkun li tiġi ssalvagwardjata s-sikurezza tal-vittma u li jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta, filwaqt li jitqiesu, fost affarijiet oħra, iċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma, l-impatt tal-kriminalità u t-trawma u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tagħhom***. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Partikolarment importanti għall-vittmi l-aktar vulnerabbli bħall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru, iż-żgħażagħ u l-anzjani, dawk b'diżabilità u dawk f'sitwazzjonijiet prekarji.*

**Emenda 133**
**Maria Noichl, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. | (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. ***F'każijiet ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluża l-vjolenza domestika,*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-vittmi spiss ikunu partikolarment vulnerabbli, peress li jkunu finanzjarjament dipendenti fuq l-awtur tar-reat. Din l-esperjenza hija aggravata aktar għan-nisa li jgħixu b'diżabilità, in-nisa migranti u oħrajn li jesperjenzaw diskriminazzjoni intersezzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li | (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. ***Meta jiġu vvalutati l-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ta' appoġġ tal-vittma, it-tħassib primarju jenħtieġ li jkun li tiġi ssalvagwardjata s-sikurezza tal-vittma u li jiġi pprovdut appoġġ imfassal apposta, filwaqt li jitqiesu, fost affarijiet oħra, iċ-ċirkostanzi individwali tal-vittma***. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess |

jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha.

ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b'hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha.

Or. hu

**Emenda 135**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal- | (10) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati b'mod f'waqtu, adegwat, effiċjenti u proporzjonat. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali tagħhom. Il-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi ta' appoġġ u protezzjoni jenħtieġ li ssir fi stadji. Fl-ewwel stadju, il-vittmi kollha jenħtieġ li jiġu vvalutati mill-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti biex jiġi żgurat li l-vittmi l-aktar vulnerabbli jiġu identifikati fl-istadji bikrin ħafna tal-proċediment. Mill-istadji li jmiss, il-vittmi li jeħtieġu valutazzjoni mtejba bħal din jenħtieġ li jiġu vvalutati mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi inklużi l-psikologi. Dawn is-servizzi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġi vvalutat l-istat tal-benesseri tal-vittmi. Il-valutazzjoni individwali jenħtieġ li tqis ukoll is-sitwazzjoni tal-awtur, li jista' jkollu storja ta' vjolenza, ***ikollu aċċess jew*** ikun fil-pussess ta' armi jew jabbuża mid-drogi u bħala tali joħloq riskji ogħla għall-vittmi. Il-valutazzjoni |

| | |
|---|---|
| vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b’hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. | individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi jenħtieġ li tinkludi wkoll il-valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta’ appoġġ tal-vittmi, mhux biss tal-protezzjoni. Huwa essenzjali li jiġu identifikati l-vittmi li jeħtieġu appoġġ speċjali, biex b’hekk jingħata appoġġ immirat bħal għajnuna psikoloġika fit-tul mingħajr ħlas lil dawk li jeħtiġuha. |

Or. en

**Emenda 136**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċevuha f’forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-preżenza ta’ awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew li jinżammu ’l bogħod mill-awtur tar-reat abbażi ta’ ordnijiet ta’ protezzjoni nazzjonali. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta’ natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili. | (11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika***, b’mod partikolari f’sitwazzjonijiet ta’ theddid għall-ħajja,*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċevuha f’forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-preżenza ta’ awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew li jinżammu ’l bogħod mill-awtur tar-reat abbażi ta’ ordnijiet ***ta’ mblukkar, trażżin jew*** protezzjoni nazzjonali ***jew tar-riferiment għal postijiet ta’ kenn u akkomodazzjonijiet intermedjarji oħra***. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta’ natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jtejbu l-għarfien dwar id-disponibbiltà ta’ dawn il-miżuri ta’ protezzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Sabiex tiġi ssalvagwardjata l-effettività tal-imblukkar, it-trażżin jew l-ordnijiet ta’ protezzjoni, jenħtieġ li l-ksur ta’ dawn l-ordnijiet ikun soġġett għal pieni. Dawk il-pieni jistgħu jkunu ta’ natura tal-liġi kriminali jew ta’ natura legali oħra u jistgħu jinkludu sentenzi ta’ ħabs, multi jew kwalunkwe piena legali oħra li tkun*** |

| | |
|---|---|
| | ***effettiva, proporzjonata u dissważiva.*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċevuha f'forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-preżenza ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew li jinżammu 'l bogħod mill-awtur tar-reat abbażi ta' ordnijiet ta' protezzjoni nazzjonali. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta' natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili. | (11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċevuha f'forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-preżenza ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi***, ordnijiet ta' mblukkar ta' emerġenza jew trażżin*** jew li jinżammu 'l bogħod mill-awtur tar-reat abbażi ta' ordnijiet ta' protezzjoni nazzjonali. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta' natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili ***u kwalunkwe ksur ta' tali ordnijiet jenħtieġ li jkun punibbli b'pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-vittmi jkunu infurmati dwar id-disponibbiltà ta' tali miżuri u jkunu infurmati bid-dritt tagħhom li japplikaw għalihom.*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċevuha f'forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-preżenza ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew li jinżammu 'l bogħod mill-awtur tar-reat abbażi ta' ordnijiet ta' protezzjoni nazzjonali. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta' natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili. | (11) Bħala riżultat tal-valutazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni, il-vittmi li jeħtieġu protezzjoni fiżika jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċevuha f'forma adattata għas-sitwazzjoni partikolari tagħhom. Dawn il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-preżenza ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew li jinżammu 'l bogħod mill-awtur tar-reat abbażi ta' ordnijiet ta' protezzjoni nazzjonali ***jew tar-riferiment għal postijiet ta' kenn u akkomodazzjonijiet intermedjarji oħra***. Dawn il-miżuri jistgħu jkunu ta' natura kriminali, amministrattiva jew tad-dritt ċivili. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jtejbu l-għarfien fost l-awtoritajiet kompetenti rilevanti dwar id-disponibbiltà ta' tali miżuri ta' protezzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 139**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-impunità legali u soċjali tal-awturi ta' atti ta' terroriżmu, peress li dan jirrappreżenta ostaklu sinifikanti għall-irkupru u l-protezzjoni tal-vittmi. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jikkriminalizzaw il-glorifikazzjoni, il-promozzjoni jew ir-rappreżentanza ħażina ta' att speċifiku ta' terroriżmu, peress li jumilja lill-vittmi u jikkawża vittimizzazzjoni sekondarja billi jagħmel ħsara lid-dinjità u l-irkupru tal-vittmi. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprojbixxu ġieħ lil dawk li jinstabu ħatja ta' attivitajiet terroristiċi permezz ta' sentenza finali u jenħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***vittmi fejn jistgħu jsofru fastidju jew jibżgħu li jistgħu jerġgħu jiġu attakkati mill-entourage soċjali tal-aggressuri.*** |

Or. hu

**Emenda 140**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11c) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-impunità legali u soċjali tal-awturi ta' atti ta' terroriżmu, peress li dan jirrappreżenta ostaklu sinifikanti għall-irkupru u l-protezzjoni tal-vittmi. L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jikkriminalizzaw il-glorifikazzjoni ta' att speċifiku ta' terroriżmu peress li jumilja lill-vittmi u jikkawża vittimizzazzjoni sekondarja billi jagħmel ħsara lid-dinjità u l-irkupru tal-vittmi. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprojbixxu ġieħ lil dawk li jinstabu ħatja ta' attivitajiet terroristiċi permezz ta' sentenza finali u jenħtieġ li jagħtu attenzjoni speċjali lill-vittmi fejn jistgħu jsofru fastidju jew jibżgħu li jistgħu jerġgħu jiġu attakkati mill-entourage soċjali tal-aggressuri.*** |

Or. en

**Emenda 141**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(11d) Iridu jiġu applikati bis-sħiħ miżuri protettivi legali biex jipproteġu lit-tfal li esperjenzaw jew raw vjolenza u tali miżuri ma jridux ikunu limitati jew ristretti minħabba d-drittijiet tal-ġenituri. Id-deċiżjonijiet dwar il-kustodja konġunta jenħtieġ li jiġu posposti sakemm il-vjolenza minn sieħeb intimu tkun ġiet investigata b'mod xieraq u ssir valutazzjoni tar-riskju.***

Or. en

**Emenda 142**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat fil-proċedimenti kriminali biex jevitaw l-involviment tagħhom fi proċedimenti multipli kkumplikati u twal fi proċedimenti ċivili separati. Il-vittmi kollha jenħtieġ li jibbenefikaw mill-iskemi dwar il-kumpens li fihom, wara deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat fi tmiem il-proċediment kriminali, jirċievu, mingħajr dewmien, il-kumpens mill-Istat. L-Istat wara jenħtieġ li jkun jista' jirkupra l-kumpens mill-awtur tar-reat. Approċċ bħal dan għall-kumpens jipproteġi lill-vittmi mir-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja, peress li l-vittmi ma għandhomx għalfejn jikkuntattjaw lill-awturi tar-reat meta jirċievu kumpens. Dan l-aċċess iffaċilitat għall-kumpens mill-awtur tar-reat matul il-proċediment kriminali ma jaffettwax l-obbligi tal-Istati Membri li jiżguraw l-eżistenza ta' skema dwar il-kumpens lill-vittmi ta' reati intenzjonati vjolenti mwettqa fit-territorji rispettivi tagħhom, li | (12) Il-vittmi kollha jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat fil-proċedimenti kriminali biex jevitaw l-involviment tagħhom fi proċedimenti multipli kkumplikati u twal fi proċedimenti ċivili separati. Il-vittmi kollha jenħtieġ li jibbenefikaw mill-iskemi dwar il-kumpens li fihom, wara deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat fi tmiem il-proċediment kriminali, jirċievu, mingħajr dewmien, il-kumpens mill-Istat***. Jenħtieġ li jingħata kumpens għat-trattament u r-riabilitazzjoni għal korrimenti fiżiċi u psikoloġiċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw il-kumpens għat-telf tal-introjtu, l-ispejjeż tal-funeral u t-telf tal-manteniment għad-dipendenti, u l-kumpens għall-uġigħ u t-tbatija. L-Istati jistgħu jikkunsidraw mezzi biex jikkumpensaw għall-ħsara li tirriżulta minn delitti kontra l-proprjetà***. L-Istat wara jenħtieġ li jkun jista' jirkupra l-kumpens mill-awtur tar-reat. Approċċ bħal dan għall-kumpens jipproteġi lill-vittmi |

jiggarantixxu kumpens ġust u xieraq lill-vittmi skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE[58] .

[58] ***Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15).***

mir-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja, peress li l-vittmi ma għandhomx għalfejn jikkuntattjaw lill-awturi tar-reat meta jirċievu kumpens. Dan l-aċċess iffaċilitat għall-kumpens mill-awtur tar-reat matul il-proċediment kriminali ma jaffettwax l-obbligi tal-Istati Membri li jiżguraw l-eżistenza ta' skema dwar il-kumpens lill-vittmi ta' reati intenzjonati vjolenti mwettqa fit-territorji rispettivi tagħhom, li jiggarantixxu kumpens ġust u xieraq lill-vittmi skont id-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE***[7]***.

Or. en

**Emenda 143**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-uffiċjali tal-awtoritajiet pubbliċi, il-korpi u l-istituzzjonijiet li x'aktarx jiġu f'kuntatt personali mal-vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal taħriġ suffiċjenti u xieraq u jirċevuh. It-taħriġ jenħtieġ li jippermetti lill-professjonisti jiksbu l-ħiliet u l-għarfien biex jidentifikaw u jifhmu s-sinjali ta' vittimizzazzjoni, il-ħtiġijiet tal-vittmi, l-impatt tal-kriminalità u t-trawma, il-liġi u l-proċeduri nazzjonali relatati mad-drittijiet tal-vittmi, inkluż dwar il-miżuri ta' protezzjoni, l-ispeċifiċitajiet ta' ċerti gruppi ta' vittmi, filwaqt li jitqiesu l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tagħhom. It-taħriġ jenħtieġ li jiġi organizzat biex jindirizza l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-ħidma mal-vittmi kollha kif ukoll għal għarfien u ħiliet speċjalizzati biex jiġi żgurat rispons immirat u xieraq għal gruppi speċifiċi ta' vittmi, abbażi tat-tip ta' reat jew karatteristiċi personali. It-taħriġ jenħtieġ li jinkludi sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji ta' vittimizzazzjoni sekondarja u modi kif titnaqqas, u jenħtieġ li jippermetti lil tali professjonisti jiżviluppaw ħiliet personali biex jitkellmu u jikkomunikaw mal-vittmi b'mod sensittiv għall-vittmi. Dan jenħtieġ li jiġi pprovdut minn professjonisti mħarrġa apposta jew persuni xierqa oħra fuq bażi regolari, inkluż taħriġ on-boarding u fl-iżvilupp tal-karriera tul il-ħajja. It-taħriġ minn atturi mhux governattivi, inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-vittmi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ u ffinanzjat b'mod adegwat. Jenħtieġ li jiġu promossi prattiki innovattivi, inkluż taħriġ bejn diversi aġenziji, l-użu ta' teknoloġiji ġodda u taħriġ interattiv.*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, is-servizzi | (13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, is-servizzi |

| | |
|---|---|
| restorattivi, is-servizzi ta' kumpens u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżegwixxu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment validu fir-rigward ta' vittmi tfal. | restorattivi, is-servizzi ta' kumpens u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżegwixxu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, ***kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi*** huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment validu fir-rigward ta' vittmi tfal. |

Or. en

**Emenda 145**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, ***is-servizzi*** restorattivi, ***is-servizzi ta'*** kumpens u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżegwixxu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment validu fir-rigward ta' vittmi tfal. | (13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, restorattivi, kumpens u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżegwixxu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali***, kif ukoll organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment validu fir-rigward ta' vittmi tfal. |

Or. hu

**Emenda 146**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, is-servizzi restorattivi, is-servizzi ta' kumpens u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżegwixxu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment validu fir-rigward ta' vittmi tfal. | (13) Il-vittmi ma jistgħux jibbenefikaw b'mod effettiv mid-drittijiet tagħhom għall-informazzjoni, għall-appoġġ u għall-protezzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet individwali tagħhom jekk ikunu qed jiffaċċjaw l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali li ma jkollhomx kooperazzjoni u koordinazzjoni fost dawk li jiġu f'kuntatt mal-vittmi. Mingħajr kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni, il-ġudikatura, is-servizzi restorattivi, is-servizzi ta' kumpens u s-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, huwa diffiċli għall-vittmi li jeżegwixxu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva 2012/29/UE. Awtoritajiet oħrajn, bħall-dawk tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, ***kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi*** huma mħeġġa jkunu parti minn din il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni. Dan huwa partikolarment validu fir-rigward ta' vittmi tfal. |

Or. en

**Emenda 147**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) L-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt personali mal-vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal taħriġ suffiċjenti u xieraq u jirċevuh. It-taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkun effettiv, tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, interdixxiplinari u b'diversi aġenziji, u jenħtieġ li jieħu vantaġġ minn teknoloġiji ġodda biex jissaħħu l-involviment u l-interazzjoni. Dan jenħtieġ li jitwettaq f'kooperazzjoni ma' atturi mhux governattivi inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-vittmi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Minbarra t-taħriġ ġenerali dwar id-drittijiet tal-vittmi għall-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jkun hemm programmi ta' taħriġ dedikati dwar it-trattament ta' kategoriji speċifiċi ta' vittmi. It-taħriġ reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi jenħtieġ li jiġu promossi wkoll biex jiġu żgurati appoġġ u protezzjoni aħjar tal-vittmi kif ukoll koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet involuti. It-taħriġ jenħtieġ li jkun sensittiv għall-ġeneru, għat-tfal, u għat-trawma, bl-għan li jevita rivittimizzazzjoni u jiżviluppa, fost ħiliet oħra, komunikazzjoni empatika u smigħ attiv. L-adozzjoni ta' linji gwida speċifiċi għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li titqies ukoll bħala prattika tajba.*** |

Or. hu

**Emenda 148**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(13c) L-uffiċjali li x'aktarx jiġu f'kuntatt personali mal-vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess għal taħriġ suffiċjenti u xieraq u jirċevuh. It-taħriġ għall-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkun effettiv, tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, interdixxiplinari u b'diversi aġenziji, u jenħtieġ li jieħu vantaġġ minn teknoloġiji ġodda biex jissaħħu l-involviment u l-interazzjoni. Dan jenħtieġ li jitwettaq f'kooperazzjoni ma' atturi mhux governattivi inklużi l-assoċjazzjonijiet tal-vittmi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Minbarra t-taħriġ ġenerali dwar id-drittijiet tal-vittmi għall-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jkun hemm programmi ta' taħriġ dedikati dwar it-trattament ta' kategoriji speċifiċi ta' vittmi. It-taħriġ reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba fost l-awtoritajiet nazzjonali, inklużi l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi, u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi jenħtieġ li jiġu promossi wkoll biex jiġu żgurati appoġġ u protezzjoni aħjar tal-vittmi kif ukoll koordinazzjoni tal-istituzzjonijiet involuti. It-taħriġ jenħtieġ li jkun sensittiv għall-ġeneru, għat-tfal, u għat-trawma, bl-għan li jevita vittimizzazzjoni sekondarja u jiżviluppa fost ħiliet oħra komunikazzjoni empatika u smigħ attiv. Linji gwida speċifiċi għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li jitqiesu wkoll bħala prattika tajba.*** |

Or. en

**Emenda 149**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13d) Jenħtieġ li ssir aktar enfasi fuq il-bini tal-kapaċitajiet u t-taħriġ tal-*** |

*prattikanti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' aspetti ewlenin tad-direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-professjonisti li x'aktarx jiġu f'kuntatt mal-vittmi jirċievu taħriġ adegwat u mfassal apposta u informazzjoni mmirata. Tali taħriġ tal-professjonisti jenħtieġ li jkun meħtieġ sa livell xieraq għall-kuntatt tagħhom mal-vittmi. It-taħriġ jenħtieġ li jkopri r-riskju u l-prevenzjoni ta' vjolenza, intimidazzjoni, vittimizzazzjoni ripetuta u sekondarja u d-disponibbiltà ta' miżuri ta' protezzjoni u appoġġ għall-vittmi, inklużi riferimenti, kif ukoll jiffoka fuq approċċ koordinat u multidixxiplinari għall-każijiet. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika lit-taħriġ għall-imħallfin u l-prosekuturi sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar il-ħtiġijiet tal-vittmi. L-Istati Membri jistgħu jippromwovu aktar il-bini tal-kapaċitajiet permezz tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jipprovdu feedback dwar il-prestazzjoni tagħhom, li jippermetti l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet possibbli u, jekk meħtieġ, ir-rettifika tagħhom, inkluż permezz ta' aktar taħriġ jew attivitajiet oħra.*

Or. en

**Emenda 150**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13e) Barra minn hekk, huma meħtieġa linji gwida prattiċi li l-pulizija u oħrajn jistgħu jużaw kuljum biex jagħtu pariri lill-vittmi dwar id-drittijiet tagħhom u jiżguraw li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati, u jistgħu jinkludu forma ta' lista ta' kontroll għall-professjonisti li*** |

*jenħtieġ li jsegwu f'kull każ. Tali linji gwida prattiċi jenħtieġ li jkunu konformi mat-taħriġ ipprovdut lill-professjonisti kif ukoll mal-protokolli nazzjonali li għandhom jiġu stabbiliti skont din id-direttiva.*

Or. en

**Emenda 151**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13f) Minkejja titjib sinifikanti li nkiseb mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2012/29/UE, l-evidenza turi li l-vittmi spiss ma jkollhomx għarfien dwar drittijiethom, li jimmina l-effettività tad-direttiva fil-prattika u jiskoraġġixxi lill-vittmi milli jippreżentaw ruħhom u milli jirrapportaw ir-reat. Għalhekk huwa imperattiv li l-Istati Membri jistabbilixxu kampanji effettivi ta' sensibilizzazzjoni sabiex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-vittmi dwar drittijiethom skont din id-Direttiva, jew drittijiet ulterjuri skont il-liġi nazzjonali, meta applikabbli, inkluż permezz ta' sommarji faċli biex jinftiehmu u noti spjegattivi qosra dwar drittijiethom. Fl-istess ħin, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħdmu biex iżidu s-sensibilizzazzjoni anke fost il-popolazzjoni inġenerali, inkluż fl-iskejjel iżda wkoll fost il-familja u l-ħbieb li l-vittmi spiss jirrikorru għalihom fl-ewwel istanza. Kampanji bħal dawn jenħtieġ li jitwettqu permezz ta' varjetà ta' kanali, inklużi l-media, il-media soċjali, posters fit-trasport pubbliku, fuljetti fil-qrati, sptarijiet, u għases tal-pulizija jew applikazzjonijiet mobbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jtejbu l-identifikazzjoni tal-postijiet li l-vittmi jistgħu jilħqu u jsibu*** |

***għajnuna fihom fl-eżerċizzju ta' drittijiethom skont din id-Direttiva, pereżempju permezz ta' sinjalar jew l-istabbiliment ta' direttorji u reġistri pubbliċi, pereżempju ta' organizzazzjonijiet ta' appoġġ akkreditati jew avukati. Meta jintroduċu dawn il-miżuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw li jiżviluppawhom b'mod ugwali għat-tipi kollha ta' reati.***

Or. en

**Emenda 152**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-protokolli nazzjonali huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli permezz ta' miżuri leġiżlattivi b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jirregola l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk f'detenzjoni u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Il-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-protokolli jenħtieġ li jispeċifikaw l-elementi essenzjali meħtieġa għall-ipproċessar tad-data inklużi r-riċevituri tad-data personali u l-kategoriji ta' data li se jiġu pproċessati fil-kuntest tal-operat tal-protokolli. Il-protokolli jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif | (14) Il-protokolli nazzjonali huma essenzjali ***biex jiżguraw li jiġi stabbilit qafas ta' komunikazzjoni ċar*** biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien. ***Tali protokolli jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-servizzi ta' appoġġ kif ukoll bejn is-servizzi ta' appoġġ ġenerali u speċjalizzati, inklużi perkorsi ta' riferiment ċari.*** Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli permezz ta' miżuri leġiżlattivi b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jirregola l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk ***f'ambjenti magħluqa, bħal*** f'detenzjoni ***faċilitajiet ta' kura*** |

| | |
|---|---|
| għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali. | ***istituzzjonali*** u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Il-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-protokolli jenħtieġ li jispeċifikaw l-elementi essenzjali meħtieġa għall-ipproċessar tad-data inklużi r-riċevituri tad-data personali u l-kategoriji ta' data li se jiġu pproċessati fil-kuntest tal-operat tal-protokolli. Il-protokolli jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali. |

Or. en

**Emenda 153**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-protokolli nazzjonali huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli permezz ta' miżuri leġiżlattivi b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jirregola l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk f'detenzjoni u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Il-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-protokolli jenħtieġ li jispeċifikaw l-elementi essenzjali meħtieġa għall-ipproċessar tad-data inklużi r-riċevituri tad-data personali u l-kategoriji ta' data li se | (14) Il-protokolli nazzjonali huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni ***b'mod konsistenti*** dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien. ***Il-protokolli nazzjonali huma għodod essenzjali biex jinkisbu valutazzjonijiet individwali koordinati tajjeb, tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni u jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-protezzjoni tal-vittmi***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli permezz ta' miżuri leġiżlattivi b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jirregola l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar- |

jiġu pproċessati fil-kuntest tal-operat tal-protokolli. Il-protokolli jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali.

rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk f'detenzjoni u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Il-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-protokolli jenħtieġ li jispeċifikaw l-elementi essenzjali meħtieġa għall-ipproċessar tad-data inklużi r-riċevituri tad-data personali u l-kategoriji ta' data li se jiġu pproċessati fil-kuntest tal-operat tal-protokolli. Il-protokolli jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali.

Or. hu

**Emenda 154**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-protokolli nazzjonali huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli permezz ta' miżuri leġiżlattivi b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Dan jenħtieġ li jirregola l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk f'detenzjoni u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Il-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-protokolli jenħtieġ li jispeċifikaw l-elementi essenzjali meħtieġa għall- | (14) Il-protokolli nazzjonali huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-vittmi jirċievu informazzjoni ***b'mod konsistenti*** dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-każ tagħhom u li l-vittmi jiġu vvalutati b'mod adegwat biex ikunu jistgħu jirċievu l-appoġġ u l-protezzjoni li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet individwali ta' kull vittma li jinbidlu maż-żmien***. Il-protokolli nazzjonali huma għodod essenzjali biex jinkisbu valutazzjonijiet individwali kkoordinati tajjeb, tiġi evitata l-vittimizzazzjoni sekondarja u jissaħħu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-protezzjoni tal-vittmi***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti protokolli permezz ta' miżuri leġiżlattivi b'mod li jikkorrispondi bl-aħjar mod għall-ordnijiet ġuridiċi nazzjonali u għall-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri. Dan jenħtieġ |

| | |
|---|---|
| ipproċessar tad-data inklużi r-riċevituri tad-data personali u l-kategoriji ta' data li se jiġu pproċessati fil-kuntest tal-operat tal-protokolli. Il-protokolli jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali. | li jirregola l-azzjonijiet dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-kriminalità għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, inklużi dawk f'detenzjoni u l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi. Il-miżuri leġiżlattivi li jistabbilixxu l-protokolli jenħtieġ li jispeċifikaw l-elementi essenzjali meħtieġa għall-ipproċessar tad-data inklużi r-riċevituri tad-data personali u l-kategoriji ta' data li se jiġu pproċessati fil-kuntest tal-operat tal-protokolli. Il-protokolli jenħtieġ li jipprevedu struzzjonijiet ġenerali dwar kif għandhom jiġu ttrattati s-servizzi u l-azzjonijiet skont id-Direttiva 2012/29/UE b'mod komprensiv mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati każijiet individwali. |

Or. en

**Emenda 155**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Sabiex jiġu stabbiliti objettivi u azzjonijiet għall-iżvilupp tad-drittijiet u s-servizzi tal-vittmi, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu strateġiji nazzjonali għad-drittijiet tal-vittmi. Dawn l-istrateġiji jenħtieġ li jistabbilixxu l-prijoritajiet, ir-rwoli u l-koordinazzjoni tagħhom bejn l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mas-servizzi ta' appoġġ u s-soċjetà ċivili. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw rieżami u aġġornament regolari tal-istrateġiji nazzjonali, f'konsultazzjoni mal-esperti rilevanti, is-servizzi ta' appoġġ kif ukoll is-soċjetà ċivili.*** |

Or. en

**Emenda 156**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw biżżejjed riżorsi umani ***u*** finanzjarji biex jiżguraw konformità effettiva mal-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-istabbiliment ta' helplines tal-vittmi, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati u valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni u għall-appoġġ, inkluż fejn dawn is-servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. | (15) L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw biżżejjed riżorsi umani***,*** finanzjarji ***u tekniċi*** biex jiżguraw konformità effettiva mal-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2012/29/UE. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-istabbiliment ta' helplines tal-vittmi, filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel ta' servizzi ta' appoġġ ***ġenerali u*** speċjalizzati u valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet tal-vittmi għall-protezzjoni u għall-appoġġ, inkluż fejn dawn is-servizzi jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi. |

Or. en

**Emenda 157**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[59] u huma marbuta bl-obbligi tagħha sal-punt tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Skont l-Artikolu 13 ta' dik il-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet huma obbligati jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għalhekk, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli sabiex il-vittmi b'diżabilità jgawdu d-drittijiet tagħhom bħala vittmi fuq bażi ugwali ma' | (16) L-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[59] u huma marbuta bl-obbligi tagħha sal-punt tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Skont l-Artikolu 13 ta' dik il-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet huma obbligati jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, għalhekk, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli ***kif ukoll akkomodazzjonijiet proċedurali*** sabiex il-vittmi b'diżabilità jgawdu d-drittijiet |

ħaddieħor. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni u jiżguraw li d-drittijiet tal-vittmi stabbiliti mid-Direttiva 2012/29/UE jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

[59] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

[60] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

tagħhom bħala vittmi fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. ***L-akkomodazzjonijiet proċedurali jenħtieġ li jinftiehmu bħala l-modifiki u l-aġġustamenti kollha meħtieġa u xierqa fil-kuntest tal-aċċess għall-ġustizzja f'każ partikolari biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Dan jista' jinkludi pereżempju miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-komunikazzjoni mal-qorti***. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni u jiżguraw li d-drittijiet tal-vittmi stabbiliti mid-Direttiva 2012/29/UE jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

[59] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.

[60] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Or. en

**Emenda 158**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (16) L-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[59] u huma marbuta bl-obbligi tagħha sal-punt tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Skont l-Artikolu 13 ta' dik il-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet huma obbligati jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, | (16) L-Unjoni u l-Istati Membri huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità[59] u huma marbuta bl-obbligi tagħha sal-punt tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Skont l-Artikolu 13 ta' dik il-Konvenzjoni, l-Istati Partijiet huma obbligati jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, |

| | |
|---|---|
| għalhekk, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli sabiex il-vittmi b'diżabilità jgawdu d-drittijiet tagħhom bħala vittmi fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni u jiżguraw li d-drittijiet tal-vittmi stabbiliti mid-Direttiva 2012/29/UE jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. | għalhekk, il-ħtieġa li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà u li tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġonevoli ***kif ukoll akkomodazzjoni proċedurali*** sabiex il-vittmi b'diżabilità jgawdu d-drittijiet tagħhom bħala vittmi ***fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. L-akkomodazzjoni proċedurali tikkonsisti fil-modifiki u l-aġġustamenti kollha meħtieġa u xierqa fil-kuntest tal-aċċess għall-ġustizzja biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità*** fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor. Ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60] jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni u jiżguraw li d-drittijiet tal-vittmi stabbiliti mid-Direttiva 2012/29/UE jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. |
| [59] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.<br>[60] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70). | [59] ĠU L 23, 27.1.2010, p. 37.<br>[60] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70). |

Or. en

**Emenda 159**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-krimilaità*** fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal- | (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti***, inkuż kemm data kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva,*** u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-kriminalità*** fl-Unjoni ***u biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva***. ***L-*** |

proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika ***dwar il-vittmi tal-kriminalità*** u fir-rapportar dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

***istatistika jenħtieġ li tinkludi data rilevanti għall-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità, inklużi mill-anqas l-għadd u t-tip ta' reati rrapportati u l-għadd, l-età, is-sess, il-ġeneru u d-diżabilità, jekk ikun hemm, tal-vittmi u t-tip ta' reat u n-natura tar-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat. L-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar jekk il-vittmi jkunux sofrew reat minħabba preġudizzju jew raġuni diskriminatorja***. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. ***Ir-rapportar ta' tliet snin tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġi armonizzat biex tiġi żgurata komparabbiltà aħjar tad-data. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom skeda ta' żmien sinkronizzata għar-rapportar tad-data miġbura skont id-Direttiva 2012/29/UE.*** L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni***, fl-analiżi*** u fit-tixrid tal-istatistika u fir-rapportar ***ta' informazzjoni*** dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. ***Għall-fini tal-analiżi tad-data aggregata, il-baġit tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li jiġi ffinanzjat b'mod adegwat.***

Or. hu

**Emenda 160**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-krimilaità*** fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika ***dwar il-vittmi tal-kriminalità*** u fir-rapportar dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. | (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti***, inkluża data kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva,*** u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-kriminalità*** fl-Unjoni ***u biex l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tiġi mmonitorjata. L-istatistika jenħtieġ li tinkludi data rilevanti għall-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità, inklużi mill-anqas l-għadd u t-tip ta' reati rrapportati u l-għadd, l-età, is-sess, il-ġeneru u d-diżabilità, jekk ikun hemm, tal-vittmi u t-tip ta' reat u n-natura tar-relazzjoni bejn il-vittma u l-awtur tar-reat. L-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi informazzjoni dwar jekk il-vittmi jkunux sofrew reat minħabba preġudizzju jew raġuni diskriminatorja***. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. ***Ir-rapportar ta' tliet snin tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġi kkoordinat u armonizzat biex tiġi żgurata komparabbiltà aħjar tad-data. Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom skeda ta' żmien sinkronizzata għar-rapportar tad-data miġbura skont id-Direttiva 2012/29/UE.*** L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni***, fl-analiżi*** u fit-tixrid tal-istatistika u fir-rapportar ***tal-informazzjoni*** dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. ***Għall-fini tal-analiżi tad-data aggregata, il-baġit tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li jkun iffinanzjat b'mod adegwat.*** |

Or. en

**Emenda 161**
**Kira Marie Peter-Hansen, Saskia Bricmont**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-krimilaità*** fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-rapportar dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. | (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti***, inkluża data kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva,*** u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-kriminalità*** fl-Unjoni ***u biex l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tiġi mmonitorjata, inkluż il-monitoraġġ tal-ostakli li fadal għall-vittmi meta jirrapportaw ir-reati u jaċċessaw id-drittijiet tal-vittmi***. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-rapportar dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvalutaw il-firxa tal-implimentazzjoni prattika tad-Direttiva li jidentifikaw kwalunkwe dritt li ma huwiex implimentat b'mod sħiħ jew korrett.*** |

Or.en

**Emenda 162**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-krimilaità*** fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-rapportar dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. | (18) Il-ġbir ta' data akkurata u koerenti***, kemm kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva,*** u l-pubblikazzjoni f'waqtha ta' data u statistika miġbura huma fundamentali biex jiġi żgurat għarfien sħiħ dwar id-drittijiet tal-vittmi ***tal-kriminalità*** fl-Unjoni. L-introduzzjoni ta' rekwiżit għall-Istati Membri biex jiġbru u jirrapportaw lill-Kummissjoni data dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri nazzjonali dwar il-vittmi tal-kriminalità kull 3 snin b'mod armonizzat hija mistennija li tikkostitwixxi pass rilevanti biex tiġi żgurata l-adozzjoni ta' politiki u strateġiji informati bid-data. L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tkompli tassisti lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-ġbir, fil-produzzjoni u fit-tixrid tal-istatistika dwar il-vittmi tal-kriminalità u fir-rapportar dwar kif il-vittmi jkunu aċċessaw id-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. |

Or.en

**Emenda 163**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18c) L-Istati Membri jenħtieġ li jirreġistraw, jiġbru u jittrażmettu data dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru offline u online, inkluża l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda, li qed jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa, lill-persuni LGBTIQ+ u lit-tfal u li għadhom ukoll*** |

| | |
|---|---|
| | ***sottorapportati b'mod wiesa'.*** |

Or.en

**Emenda 164**
**Lívia Járóka**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18d) L-Istati Membri jenħtieġ li jirreġistraw, jiġbru u jittrażmettu data dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru offline u online, inkluża l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, kif ukoll id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda.*** |

Or.hu

**Emenda 165**
**Maria Noichl, Giuliano Pisapia**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18e) L-Istati Membri jenħtieġ li jirreġistraw u jittrażmettu data dwar il-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru offline u online, b'enfasi partikolari fuq il-femminiċidju.*** |

Or.en

**Emenda 166**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18f) L-Istati Membri jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kompiti ta' Koordinatur għad-drittijiet tal-vittmi kif stabbilit fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi bl-għan li jiżguraw il-konsistenza u l-effettività tal-azzjonijiet fir-rigward tal-politika dwar id-drittijiet tal-vittmi. Il-kompiti partikolari tal-Koordinatur huma li jiżgura l-funzjonament bla xkiel tal-Pjattaforma għad-Drittijiet tal-Vittmi u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020-2025) kif ukoll is-sinkronizzazzjoni tal-azzjonijiet relatati mad-drittijiet tal-vittmi ta' partijiet ikkonċernati oħra fil-livell tal-Unjoni, notevolment jekk rilevanti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2012/92/UE.*** |

Or.en

**Emenda 167**
**Eugenia Rodríguez Palop**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 1 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 1. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali. | *1.* L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tiżgura li l-vittmi tal-kriminalità jirċievu informazzjoni, appoġġ u protezzjoni xierqa u jkunu jistgħu jipparteċipaw fil-proċedimenti kriminali ***b'mod sikur li jimminimizza r-riskju ta' ħsara u jappoġġa l-irkupru u l-aċċess għall-ġustizzja***. |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi huma rikonoxxuti u trattati b'rispett, | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi huma rikonoxxuti u trattati b'rispett, |

| | |
|---|---|
| b’mod sensittiv, speċifikament ***indirizzat,professjonali*** u mhux diskriminatorju, fil-kuntatti kollha b’appoġġ għall-vittmi jew bis-servizzi ta’ ġustizzja restorattiva jew awtorità kompetenti, li topera fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. ***Id-drittijiet stipulati f’din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-vittmi b’mod mhux diskriminatorju, inkluż fir-rigward tal-istatus ta’ residenza tagħhom.*** | b’mod sensittiv, speċifikament ***indirizzat, professjonali*** u mhux diskriminatorju, fil-kuntatti kollha b’appoġġ għall-vittmi jew bis-servizzi ta’ ġustizzja restorattiva jew awtorità kompetenti, li topera fil-kuntest tal-proċedimenti kriminali. |
| | ***Id-drittijiet stabbiliti f’din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-vittmi kollha b’mod nondiskriminatorju, inkluż fir-rigward tas-sess, il-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, il-karatteristiċi tas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-istatus ta’ residenza jew is-saħħa.*** |
| | ***Għandha tingħata attenzjoni xierqa lil dawk il-vittmi affettwati minn diskriminazzjoni intersezzjonali.*** |

Or.en

**Emenda 168**
**Elena Kountoura**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 1 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2, huwa sostitwit b’dan li ġej:*** |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, fejn il-vittmi huma tfal, l-aqwa interessi tat-tfal | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, fejn il-vittmi huma tfal, l-aqwa interessi tat-tfal |

| | |
|---|---|
| għandhom ikunu l-ewwel konsiderazzjoni u għandhom jiġu evalwati fuq bażi individwali. Approċċ sensittiv għat-tfal, li jqis b'mod xieraq l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tat-tfal, għandu jipprevali. It-tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali jew rappreżentant legali ieħor, jekk ikun hemm, għandhom jiġu informati bi kwalunkwe miżura jew dritt iffukat speċifikament fuq it-tfal. | għandhom ikunu l-ewwel konsiderazzjoni u għandhom jiġu evalwati fuq bażi individwali. Approċċ sensittiv għat-tfal, li jqis b'mod xieraq l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tat-tfal, għandu jipprevali ***u għandha tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikattiva tat-tfal***. It-tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali jew rappreżentant legali ieħor, jekk ikun hemm, għandhom jiġu informati bi kwalunkwe miżura jew dritt iffukat speċifikament fuq it-tfal. |

Or.en

**Emenda 169**
**Eugenia Rodríguez Palop**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1a (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 1 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1ae) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn il-vittmi huma tfal, l-aqwa interessi tat-tfal għandhom ikunu l-ewwel konsiderazzjoni u għandhom jiġu evalwati fuq bażi individwali. Approċċ sensittiv għat-tfal, li jqis b'mod xieraq l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tat-tfal, għandu jipprevali. It-tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali jew rappreżentant legali ieħor, jekk ikun hemm, għandhom jiġu informati bi kwalunkwe miżura jew dritt iffukat speċifikament fuq it-tfal. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, fejn il-vittmi huma tfal, l-aqwa interessi tat-tfal għandhom ikunu l-ewwel konsiderazzjoni u għandhom jiġu evalwati fuq bażi individwali. Approċċ sensittiv għat-tfal, li jqis b'mod xieraq l-età, il-maturità, il-fehmiet, il-ħtiġijiet u t-tħassib tat-tfal, għandu jipprevali ***u għandha tiġi żgurata parteċipazzjoni sinifikanti tat-tfal***. It-tfal u d-detentur tar-responsabbiltà parentali jew rappreżentant legali ieħor, jekk ikun hemm, għandhom jiġu informati bi kwalunkwe miżura jew dritt iffukat speċifikament fuq it-tfal. |

Or.en

**Emenda 170**
**Eugenia Rodríguez Palop**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1b (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1b) fl-Artikolu 1 jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, il-politiki, is-servizzi u l-infrastrutturi kollha stabbiliti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jkunu sensittivi għall-vittmi, filwaqt li jagħtu prijorità lis-smigħ tal-vittmi, jimminimizzaw it-trawmatizzazzjoni mill-ġdid u l-ħsara, jiffukaw fuq is-sikurezza, id-drittijiet, il-benesseri, l-għoti tas-setgħa, il-ħtiġijiet u l-għażliet espressi, u jiżguraw l-għoti empatetiku, sensittiv u mingħajr ġudizzju tad-drittijiet u s-servizzi, filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji ewlenin tal-ġustizzja.*** |

Or.en

**Emenda 171**
**Konstantinos Arvanitis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1c (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1c) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| "vittma" tfisser: | (a) 'vittma' tfisser: |
| (i) persuna fiżika li ***ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn*** reat kriminali; | (i) persuna fiżika li ***kienet soġġetta għal*** reat kriminali; |
| (ii) membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali ***u li jkun sofra ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna***; | (ii) membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali; |

Or.en

**Emenda 172**
**Maria Noichl**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1c (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1c) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| (a) "vittma" tfisser: | "(a) "vittma" tfisser: |
| (i) persuna fiżika li ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali; | (i) persuna fiżika li ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali; |
| (ii) membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkun sofra ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna; | (ii) membru tal-familja ta' persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn reat kriminali u li jkun sofra ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna; |
| | ***(iii) tfal li jkunu xhieda ta' reat kriminali;"*** |

Or en

**Emenda 173**
**Konstantinos Arvanitis**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1f (ġdid)**Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1f) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punti (b) u (d) jinbidlu b'dan li ġej:*** |
| (b)"membri tal-familja" tfisser wieħed mill-konjuġi, il-persuna li ***qed tgħix mal-vittma*** f'relazzjoni intima, ***f'dar konġunta u*** impenjata fuq bażi stabbli u kontinwa, il-qraba diretti, l-aħwa, u d-dipendenti tal- | (b) "membri tal-familja" tfisser wieħed mill-konjuġi, il-persuna li ***qiegħda*** f'relazzjoni intima ***mal-vittma***, impenjata fuq bażi stabbli u kontinwa, il-qraba diretti, |

vittma;

’ġustizzja restorattiva’ tfisser kwalunkwe proċess ***li permezz tiegħu l-vittma u l-awtur tar-reat jistgħu***, jekk jagħtu kunsens b’mod liberu, jipparteċipaw b’mod attiv ***fir-riżoluzzjoni*** ta’ kwistjonijiet li joħorġu ***mir-reatpermezz*** tal-għajnuna ta’ parti terza imparzjali.

l-aħwa, u d-dipendenti tal-vittma;

(d) ’ġustizzja restorattiva’ tfisser kwalunkwe proċess ***li jippermetti lil dawk li sofrew ħsara u lil dawk responsabbli għal dik il-ħsara (il-partijiet)***, jekk jagħtu kunsens b’mod liberu, jipparteċipaw b’mod attiv ***fi djalogu dwar ir-riżoluzzjoni*** ta’ kwistjonijiet li joħorġu mir-reat permezz tal-għajnuna ta’ parti terza ***mħarrġa u*** imparzjali ***(il-faċilitatur)***.

Or.en

**Emenda 174**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1d (ġdid)**Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1d) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***(da) “servizzi ta’ appoġġ ġeneriku” tfisser organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-appoġġ għal vittmi tal-kriminalità li joffru appoġġ lill-vittmi kollha tal-kriminalità. Dawn is-servizzi jistgħu jinkludu speċjalizzazzjonijiet għal gruppi speċifiċi, bħan-nisa, il-bniet u l-persuni LBGTI jew joffru tipi speċifiċi ta’ servizzi.*** |

Or.en

**Emenda 175**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1e (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1b(i))fl-Artikolu 2(1), jiżdied il-punt li*** |

***ġej:***

***(i) "servizzi ta' appoġġ speċjalizzat" tfisser servizzi offruti biss lil gruppi partikolari ta' vittmi bħan-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTI, abbażi tat-tip ta' reat jew karatteristiċi personali.***

Or.en

**Emenda 176**
**Eugenia Rodríguez Palop**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt -1g (ġdid)**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 2 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(g) fl-Artikolu 2(1) jiżdiedu l-punti li ġejjin:*** |
| | ***e) "servizzi ta' appoġġ ġeneriku" tfisser organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-appoġġ għal vittmi tal-kriminalità li joffru appoġġ lill-vittmi kollha tal-kriminalità. Dawn is-servizzi jistgħu jinkludu speċjalizzazzjonijiet għal gruppi speċifiċi jew joffru tipi speċifiċi ta' servizzi.*** |
| | ***f) "servizzi ta' appoġġ speċjalizzat" tfisser servizzi offruti biss lil gruppi partikolari ta' vittmi, skont it-tip ta' reat jew karatteristiċi personali.*** |

Or.en

**Emenda 177**
**Giuliano Pisapia, Maria Noichl**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 3a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu helplines għall-vittmi li jkunu faċilment aċċessibbli, faċli għall-utent, kunfidenzjali u mingħajr ħlas li: | ***1. fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:***<br>1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxu helplines għall-vittmi li jkunu faċilment aċċessibbli, faċli għall-utent, ***siguri,*** kunfidenzjali u mingħajr ħlas li: |

Or. en

**Emenda 178**
**Lucia Ďuriš Nicholsonová**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2012/29/UE
Artikolu 3a - paragrafu 1 - punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdu lill-vittmi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1); | ***1 fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:***<br>(a) jipprovdu lill-vittmi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) ***u 9(1)***; |

Or. en